**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 20 ta' Ottubru 2015**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**Vs**

**KEITH PSAILA**

**KUMP NRU 1116/2011**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat**, KEITH PSAILA** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 392778(m), gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-3 ta' Lulju 2011 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

1. Minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtrajt jew ircevejt minghand xi persuna, jew kellek fil-kustodja jew pussess tieghek, biljett tal-flus ta' valuta EURO, falsifikat, meta kont taf li l-istess huwa falsifikat, bi ksur tal-Artikolu 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex titratta mal-imputat bhala wiehed li kkommetta reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Mag.Dr. S. Demiclli LL.D) nhar id-19/05/2011.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti, biss f’kaz li l-Qorti tqis il-htiega, li tordna l-qerda tal-biljetti tal-flus foloz, hija ghandha qabel tikkonsulta mal-Bank Centrali ta’ Malta, u ghandha jekk u skond ma jista jkun jehtieg il-Bank Centrali, tieqaf milli tordna l-qerda taghhom u tghaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Centrali biex jinflew minnu,  hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 50 (3) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-ahharnett il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tornda lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f’dan il-procediment;

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tas-16 ta` Mejju 2012 (ara *folio* 39) u l-kunsens ta` l-imputat sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja, moghti fl-istess gurnata (ara *folio* 40);

Qieset l-ammissjoni ta` l-imputat kif registrata fl-udjenza ta` llum stess 20 ta` Ottubru 2015, u l-insistenza tieghu fuq tali ammissjoni.

Semghet t-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija ta` l-imputat li tinsab a folio 13 et seq, id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti, u l-provi dokumentarji imressqa, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu – li kien fil-pussess xjenti u illegali ta` karta tal-hamsin euro (€50) mhux genwina - giet sodisfacentement ippruvata u ghalhekk ma ghandhiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati.

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena din il-Qorti qed tikkonsidra l-fattur tal-ammissjoni ta` l-imputat, anki jekk din ma tistax titqies bhala wahda daqstant bikrija. Qieset li dan il-kaz jirrigwarda karta wahda tal-hamsin euro.

Il-Qorti hi tal-fehema li l-aktar sanzjoni indikata ghal din il-kawza hija dik ikkontemplata taht l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Konkluzjoni**

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 28A u 28B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 46 u 50(3) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta` Malta, **issib lil Keith Psaila hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u konsegwentement tikkundannah ghal piena ta` prigunerija ghal zmien tlettax-il (13) xahar izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` sentejn mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija**.

In oltre, riferibbilment ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fid-19 ta` Mejju 2011, il-Qorti qed tordna, bis-sahha ta` l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, illi l-perjodu operattiv ta` sentejn jerga jibda jiddekorri mill-lum.

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil hati, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

Tordna wkoll il-konfiska skond il-ligi tal-karta ta` €50 esebita bhala document 5.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur